Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9146 — ArcelorMittal/Nippon Steel & Sumitomo Metal Corporation/Essar Steel India)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 388/13)

1. Fis-17 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Essar Steel India Ltd ("Essar", l-Indja),

— ArcelorMittal S.A. ("ArcelorMittal", il-Lussemburgu),

— Nippon Steel & Sumimoto Metal Corporation ("NSSMC", il-Ġappun).

ArcelorMittal u NSSMC jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Essar kollha kemm hi. Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Essar: manifattur tal-azzar integrat b'faċilitajiet tal-manifattura li jinsabu fl-Indja u l-Indoneżja. Essar tal-azzar ma għandha l-ebda faċilitajiet ta' manifattura fiż-ŻEE. Il-prodotti tal-azzar ta' Essar huma prinċiparjament mibjugħa fis-suq domestiku fl-Indja iżda wkoll madwar id-dinja, inkluż fiż-ŻEE. Dawn il-prodotti jinkludu prodotti rrumblati bis-sħana (inklużi quarto plates), prodotti rrumblati fil-kiesaħ, pajpijiet tal-azzar b'dijametru kbir u prodotti tal-wiċċ miksija. Essar hija attiva biss fi prodotti tal-azzar bil-karbonju ċatti, ħlief pajpijiet iwweldjati u travi wweldjati li huma fabbrikati minn folji ċatti/kolji;

— ArcelorMittal: kumpanija dinjija tal-azzar u tal-minjieri, li n-negozju prinċipali tagħha huma l-produzzjoni, id-distribuzzjoni, il-kummerċjalizzazzjoni u l-bejgħ ta' prodotti tal-azzar. Dan jipproduċi firxa ta' prodotti tal-azzar nofshom lesti u lesti, inklużi prodotti tal-azzar tal-karbonju ċatti u twal. Hija tforni l-azzar għal diversi applikazzjonijiet inklużi l-industrija awtomobilistika, il-kostruzzjoni, apparat domestiku u l-imballaġġ;

— NSSMC: il-manifattura u l-provvista ta' prodotti tal-azzar bħall-pjanċi tal-azzar u folji, vireg u sezzjonijiet tal-azzar, vireg tal-wajer, pajpijiet u tubi tal-azzar, kif ukoll prodotti tal-azzar li ma jsaddadx u prodotti tat-titanju. Il-prodotti tagħha huma primarjament manifatturati fil-Ġappun u l-bejgħ tagħha huwa ffokat fuq is-swieq Asjatiċi, primarjament fil-Ġappun.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9146 — ArcelorMittal/Nippon Steel & Sumitomo Metal Corporation/Essar Steel India

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË